MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 80/2007

**Lombard Bank Malta plc**

**Vs**

**Sandro Darmanin**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li fih wara li ppremettiet li hija kienet ikkoncediet facilita’ ta’ kont kurrenti lill-konvenut u in forza ta’ din il-facilita’, s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta’ seba’ mija u tnejn u tmenin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm782.29c) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fic-*cheque account* skond statement anness bl-interessi kkalkolati sad-9 ta’ Jannar, 2007, talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ l-istess oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-10 ta’ Jannar, 2007 sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kollha,

nkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk tal-Mandati ta’ Sekwestru u Qbid kawtelatorji u bl-imghax legali mill-10 ta’ Jannar, 2007 sad-data tal-pagament effettiv.

Is-socjeta’ attrici ppremettiet ukoll illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont, huwa baqa’ inadempjenti.

Ra li l-konvenut debitament notifikat naqas li jipprezenta r-Risposta tieghu.

Ra x-xhieda ta’ Philip Saliba, in rapprezentanza tal-Bank attrici li kkonferma li sal-lum l-ammont ghadu dovut.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal m’ghandux aktar provi, ghajr ghal dawk tas-socjeta’ attrici li kkonfermat li ghadha kreditrici fis-somma ta’ seba’ mija u tnejn u tmenin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm782.29c), debitu rapprezentanti *cheque account*.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tal-Bank attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-istess is-somma ta’ seba’ mija u tnejn u tmenin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm782.29c), bl-ispejjez u l-imghax kif mitluba fl-Avviz ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------